Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 11 ta' Lulju 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Brian Xuereb)**

**Versus**

**Daud Shiek Ahmed**
**(79818A)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Daud Shiek Ahmed,** iben Ahmed u Halima nee' Omar Mohammed, imwieled gewwa s-Somalia, nhar l-ewwel (1) ta' Jannar 1995, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 79818A u residenti gewwa George's, Appartament 3, Triq Salvu Psaila, Birkirkara.

Akkuzat talli f'San Giljan nhar is-27 ta' Frar 2022 ghall-habta tas-siegha nieqes kwart ta' filghodu (00:45hrs) gewwa Triq Santa Rita, San Giljan u/jew f'dawn il-Gzejjer:

1. Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis, kollha jew bicca minnha, u/jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, liema droga nstabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu; *Artikolu 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2. Ikkommetta reati ta' natura volontarja waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Magistrat Dr. Monica Vella LL.D.

nhar il-erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar 2019; *Artikoli 28A u 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

3. Rrenda ruhu recidiv b'sentenzi diversi tal-Qrati tal-Magistrati, decizi liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula; *Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Il-Qorti hija wkoll mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-Esperti skont l-artikolu 533 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda ta' PC 1161 Aldo Zammit u ta' Margaret De Battista.

Rat illi l-imputat fis-seduta tat-30 ta' Gunju 2022 irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Semghat is-sottomissjonijiet fuq il-piena mill-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lil imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, wara li rat Artikolu 8(d)(e) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 u Artikolu 7, 8, 28A, 28B, 31, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat **hati** ta' l-akkuzi kollha migjuba kontrih u qed tikkundannah ghal **sitt (6) xhur prigunerija effettiva u ghall-hlas ta' multa ghas-somma ta' hames mitt Euro (€ 500.00).**

**Inoltre, ai termini ta' l-Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna illi s-sentenza ta' sitt (6) xhur habs sospizi ghal erba' snin, moghtija fl-24 ta' Gunju 2018, mill-Qorti tal-Magistrati diversament preseduta (per Hon. Magistrat Dr Monica Vella) ghandha tigi fis-sehh.**

**Ghalhekk l-imputat permezz ta' din is-sentenza qed jigi ikkundannat ghal tnax-il xahar (12) prigunerija effettiva.**

In oltre ai termini ta' l-Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta, d-droga mertu tal-kawza odjerna, kif ukoll qed tordna d-distruzzjoni ta' l-istess droga u qed tappunta lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali sabiex jesegwixxi tali ordni.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**